MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2012

Rikors Numru. 142/2011

**Godfrey Cosaitis (Karta ta’ l-Identità bin-Numru 558961M)**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxi**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat minn Godfrey Cosaitis fid-19 ta’ April 2011, permezz ta’ liema jitlob li t-Tribunal, in bazi ghar-ragunijiet minnu moghtija fir-Rikors, jannulla il-likwidazzjoni mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxi fil-konfront tieghu u jiddikjara li ebda ammont ma huwa minnu dovut lill-Kummissarju tat-Taxxi bhala taxxa addizzjonali u/jew penali in segwitu ghat-trasferiment tal-fond Nru.57, Crucifix Hill, l-Isla, li sehh b’kuntratt datat 6 ta’ Ottubru 2010, jew alternattivament jnaqqas l-imsemmija likwidazzjoni, bl-ispejjez kontra l-Kummissarju tat-Taxxi;

Ra d-dokumenti annessi mar-Rikors promotur u markati minn Dok. “A” sa’ Dok. “E” a fol. 4 sa’ 10 tal-process;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi pprezentata fil-11 ta’ Mejju 2011, permezz ta’ liema jopponi ghat-talbiet tar-Rikorrent u jitlob li l-istess jigu michuda, bl-ispejjez kontra r-Rikorrent, stante li: (i) preliminarjament, il-proceduri odjerni huma nulli stante li gew intavolati qabel ma nhareg l-*assessment* finali; u (ii) bla pregudizzju ghall-eccezzjoni preliminari, id-decizjoni mehuda minnu u l-likwidazzjoni maghmula minnu huma gusti u saru skond il-Ligi;

Ra n-Nota ta’ Sottomissjonijiet ipprezentata mill-Kummissarju tat-Taxxi fl-4 ta’ Novembru 2011 u ra n-Nota Responsiva tar-Rikorrent ipprezentata fit-30 ta’ Novembru 2011;

Ra li l-Appell thalla ghad-decizjoni dwar l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi;

**Ikkonsidra:**

Bil-procedura odjerna r-Rikorrent jattakka likwidazzjoni mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxi fil-konfront tieghu li ggib il-Kont Nurmu IV117433[1] permezz ta’ liema qed jintalab ihallas is-somma ta’ €1,650 rapprezentanti t-taxxa dovuta fuq il-valur addizzjonali taxxabbli ta’ €33,000, u s-somma ulterjuri ta’ €1,650 rapprezentanti taxxa addizzjonali fuq it-trasferiment tal-fond Nru. 57, Crucifix Street, l-Isla. Ir-Rikorrent jibbaza l-kontestazzjoni tieghu fuq l-affermazzjoni li l-valur tal-fond kif stmat mill-Perit inkarigat mill-Kummissarju tat-Taxxi huwa ezagerat u l-valur reali tal-fond huwa dak dikjarat fil-kuntratt ta’ donazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Patricia Hall datat 6 ta’ Ottubru 2010[2]. Konsegwentement jitlob li jigi dikjarat li l-valur reali tal-fond huwa dak dikjarat fil-kuntratt ta’ donazzjoni imsemmi u b’hekk it-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi ghall-hlas ta’ taxxa u taxxa addizzjonali tigi rtirata jew alternattivament il-likwidazzjoni mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxi tigi mnaqqsa.

[1] Dok. “B” a fol. 7 tal-process.
[2] Dok. “A” a fol. 4 sa’ 6 tal-process.

Il-Kummissarju tat-Taxxi laqa’ ghat-talbiet tar-Rikorrent bl-eccezzjoni preliminari li l-proceduri odjerni huma nulli stante li gew intavolati qabel ma nharget l-*assessment* finali u bl-eccezzjoni fil-meritu li t-talbiet tar-Rikorrent ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra tieghu, ghaliex id-decizjoni mehuda u l-likwidazzjoni maghmula mill-Kummissarju tat-Taxxi huma gusti u saru skond il-Ligi.

Ghalkemm ai termini ta’ l-Artikolu 3(2)(b) tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta’ Malta, applikabbli ghal dan it-Tribunal bis-sahha ta’ l-Artikolu 6 ta’ l-imsemmi Kapitolu tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal ghandu jaghti decizjoni wahda dwar il-kwistjonijiet kollha involuti fil-kawza kemm jekk ikunu ta’ natura preliminari, procedurali jew sostantiva, fil-fehma tat-Tribunal f’dan il-kaz tali artikolu tal-Ligi ma jistax u ma ghandux jigi applikat ghaliex l-applikazzjoni tieghu fid-dawl ta’ l-import ta’ l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi tista’ tkun ta’ pregudizzju ghall-partijiet kontendenti, partikolarment kemm-il darba tali eccezzjoni kellha tirrizulta gustifikata u b’hekk tigi milqugha.

Ghaldaqstant, it-Tribunal ser jghaddi biex jaghti decizjoni preliminari dwar l-eccezzjoni preliminari tan-nullità ta’ l-Appell odjern sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi.

Fin-Nota ta’ Sottomissjonijiet tieghu, in sostenn ta’ din l-eccezzjoni l-Kummissarju tat-Taxxi jikkontendi li huwa hareg *stima fejn gie identifikat il-valur addizzjonali taxxabbli, it-taxxa, kif ukoll it-taxxa addizjonali/penali dovuta mill-intimati* [recte: ir-Rikorrent] *relatata mat-trasferiment illi huwa ghamel. L-intimati* [recte: ir-Rikorrent] *gew mgharrfa bil-possibilità tal-hlas skond skeda murija fl-istess stima, bil-konsegwenzi finanzjarji kemm-il darba huma jirrifjutaw illi jhallsu l-ammont fiz-zmien indikat fl-istess skeda, kif ukoll bid-dritt illi huma setghu jikkontestaw il-likwidazzjoni jew parti minnha bil-miktub fi zmien tletin gurnata min-notifika ta’ l-avviz. Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni gie illi mexa skrupulizament mal-proceduri stipulata taht l-artikolu 52(4), 54 u 56 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta’ Malta. Illi l-istess artikolu 56 tal-*

*Kap.364, fis-subartikolu (4)* [recte: (3)] *tieghu jistipola illi kemm-il darba ma jintlahaqx ftehim bejn l-esponent u l-objector, l-intimat, f'dan il-kaz, il-Kummissarju tat-Taxxi Interni huwa obbligat illi jiddeciedi t-taxxa b'ordni bil-mitkub fiz-zmien tlett snin minn meta huwa rcieva tali oggezzjoni. Illi jidher illi l-esponenti flok ma ressqu oggezzjoni quddiem l-esponent Kummissarju tat-Taxxi Interni fejn ikkontestaw il-likwidazzjoni bil-miktub fi zmien moghti lilhom fl-istess stima kif inhu ben stipulat taht l-artikolu 56 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta, ipprocedew kontra l-esponent Kummissarju tat-Taxxi Interni permezz ta' appell quddiem dan it-Tribunal ai termini ta' l-artikolu 58 tal-Kap.364*[3]*. Illi tali procedura hija wahda intempestiva ghaliex l-ewwel l-intimati* [recte: ir-Rikorrent] *riedu jezawrixxu l-procedura kontemplata taht l-artikolu 56 tal-Kap.364 qabel ma setghu jipprocedu bil-ftuh ta' proceduri quddiem dan it-Tribunal ai termini ta' l-artikolu 58 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta. … il-Ligi hija car u ma taghti lok ghal ebda bdil fil-procedura, kuntlarju ghal dak illi qed jippretendu l-intimati* [recte: ir-Rikorrent], *bil-konsegwenza illi l-proceduri huma nulli*[4].

Minn dak appena citat jidher li l-Kummissarju tat-Taxxi qed jibbaza l-eccezzjoni tan-nullità ta' l-Appell odjern fuq l-affermazzjoni li r-Rikorrent naqas li joggezzjona ghall-likwidazzjoni mahruga minnu kif tenut jaghmel skond l-Artikolu 56 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta, u minflok ghadda mill-ewwel biex ressaq dan l-Appell quddiem it-Tribunal. Madanakollu però, dak affermat mill-Kummissarju tat-Taxxi jinsab kontradett mill-provi prodotti mir-Rikorrent, senjatament mid-dokumenti annessi mar-Rikors promotur.

Ir-Rikorrent esebixxa bhala Dok. "C" anness mar-Rikors promotur[5], ittra indirizzata lill-Kummissarju tat-Taxxi fejn *inter alia* jinghad *we strongly* ***object*** *to this value* [ossia l-valur taxxabbli addizzjonali stmat mill-Kummissarju tat-Taxxi] *and ask for a revision*[6]*. We feel that the sum of*

[3] Sottolinear tat-Tribunal.
[4] Fol. 26 sa' 27 tal-process.
[5] Fol. 8 tal-process.
[6] Sottolinear tat-Tribunal.

*23,500 Euros is more than fair considering that the Land Department (see copy marked document 1) is buying from my mother a piece of land a few meters away and is paying us the sum of 5,823.43 Euros. The department is giving the family the sum of 81.53 yearly in rent for the said piece of land (see also document 1). I await your reply, and be more than willing to be granted a meeting so as to explain more clearly about our objection into the matter*. Mill-import ta' din l-ittra huwa evidenti li r-Rikorrent irregistra oggezzjoni ghall-likwidazzjoni mahruga kontra tieghu mill-Kummissarju tat-Taxxi. Li dik l-ittra giet ikkunsidrata bhala oggezzjoni mill-istess Kummissarju tat-Taxxi johrog ferm car mill-ittra tal-Kummissarju datata 21 ta' Marzu 2011[7], permezz ta' liema r-Rikorrent gie infurmat li *b'referenza ghall-oggezzjoni tieghek fuq l-imsemmi kont*[8]*, ninfurmak li l-file rega' ntbaghat ghand il-perit u rega' ikkonferma l-ewwel valur li tana*.

Fid-dawl ta' dawn id-dokumenti ghalhekk jirrizulta ferm car li l-affermazzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi li flok ma ressaq oggezzjoni ghall-likwidazzjoni in kwistjoni ir-Rikorrent mill-ewwel ghadda biex intavola l-Appell odjern fil-konfront tieghu, hija ghal kollox infondata u bhala tali ghandha tigi michuda.

Ciò nonostante però t-Tribunal hu tal-fehma li xorta wahda ghandu jindaga jekk ir-Rikorrent setax jinterponi appell mill-likwidazzjoni mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxi wara l-ittra ta' l-istess Kummissarju datata 21 ta' Marzu 2011, u dana ghar-raguni li l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi ghandha implikazzjonijiet ta' ordni pubbliku li jaghmluha impellenti ghat-Tribunal li jindaga l-kwistjoni ulterjorment.

Huwa fatt inkontestat li fit-31 ta' Jannar 2011, il-Kummissarju tat-Taxxi hareg likwidazzjoni fil-konfront tar-Rikorrent relattiva ghat-trasferiment tal-fond Nru.57, Crucifix Street, l-Isla, li sehh b'kuntratt ta' donazzjoni datat 6 ta' Ottubru 2010, ghall-hlas tas-somma ta' €1,650.00 rapprezentanti t-taxxa dovuta fuq il-valur addizzijonali

7 Dok. "D" a fol. 9 tal-process.
8 Sottolinear tat-Tribunal.

taxxabbli ta' €33,000 stabbilit mill-Kummissarju, u tas-somma ulterjuri ta' €1,650.00 rapprezentanti t-taxxa addizzjonali. Jirrizulta stabbilit ukoll li r-Rikorrent oggezzjona ghal din il-likwidazzjoni. X'jista' jigri una volta li titressaq oggezzjoni ghal likwidazzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi jirrizulta mill-Artikolu 56(2) u (3) u mill-Artikolu 58(1) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-Artikolu 56(2) u (3) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li: *meta xi persuna tkun oggezzjonat ghal likwidazzjoni tiftiehem mal-Kummissarju dwar l-ammont ta' taxxa li ghandha tithallas dwar il-likwidazzjoni, din ghandha tigi emendata skond il-ftehim, u l-avviz tat-taxxa li ghandha tithallas ghandu jigi notifikat lil dik il-persuna. Jekk ma jintlahaqx ftehim kif provdut fis-subartikolu (2), il-Kummissarju ghandu jiddeciedi t-taxxa b'ordni bil-miktub u jinnotifika lill-persuna li toggezzjona avviz li hu jirrifjuta li jemenda l-likwidazzjoni kif mitlub minn dik il-persuna fi zmien tliet snin mid-data ta' meta jircievi l-imsemmi avviz ta' oggezzjoni*[9].

L-Artikolu 58(1) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li *kull persuna li thoss ruhha aggravata b'likwidazzjoni, u ma tkunx ftehmet mal-Kummissarju dwar l-ammont ta' taxxa li ghandu jithallas kif provdut fl-Artikolu 56(1), tista' taghmel appell lit-Tribunal fi zmien tletin gurnata mid-data tan-notifika lilha ta' avviz tar-rifjut tal-Kummissarju li jemenda l-likwidazzjoni kif mitlub*[10].

Minn dawn l-artikoli tal-Ligi johrog car li meta titressaq oggezzjoni ghal likwidazzjoni mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxi, l-oggezzjoni tista' jew tigi milqugha jew rifjutata mill-Kummissarju jew inkella jintlahaq ftehim bejn il-Kummissarju tat-Taxxi u t-*tax payer* f'liema kaz il-likwidazzjoni tigi emendata skond il-ftehim. Fejn ma jintlahaqx ftehim bejn il-Kummissarju tat-Taxxi u t-*tax payer* u l-oggezzjoni tigi rifjutata, il-Kummissarju ghandu jiffissa t-taxxa b'ordni bil-miktub u jinnotifika lit-*tax payer* bir-rifjut tieghu li jemenda l-likwidazzjoni kif mitlub.

---

9 Sottolinear tat-Tribunal.
10 Sottolinear tat-Tribunal.

Fil-kaz in ezami in risposta ghall-oggezzjoni tieghu mill-likwidazzjoni mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxi, ir-Rikorrent s'issa rcieva l-ittra datata 21 ta' Marzu 2011, permezz ta' liema gie infurmat li wara l-oggezzjoni tieghu l-file intbaghat ghand il-Perit inkarigat mill-Kummissarju, izda dan rega' ikkonferma l-ewwel valur li kien ta lid-Dipartiment. Wara dik l-ittra r-Rikorrent intavola l-Appell odjern quddiem dan it-Tribunal u in sostenn ta' din id-decizjoni jikkontendi li *permezz ta' decizjoni tal-Kummissarju intimat tal-21 ta' Marzu 2011, l-avviz ta' oggezzjoni tal-esponent gie michud u konsegwentement il-likwidazzjoni tal-istess Kummissarju intimat giet konfermata fl-intier taghha. Illi fil-fehma umli ta' l-esponent l-komunika tal-Kummissarju intimat tat-21 ta' Marzu 2011 tinkwadra fil-parametri ta' l-Artikolu 56(3) tal-Kap.364 u t-taxxa addizzjonali originarjament imposta giet ikkonfermata fl-intier taghha u allura skatta t-terminu stipulat fl-artikolu 58 tal-istess ligi sabiex gie intavolat dan l-Appell odjern*[11].

Mill-mod kif giet formulata l-eccezzjoni preliminari tal-Kummissarju tat-Taxxi u cioè li *il-proceduri odjerni huma nulli stante illi gew intavolati qabel ma nharget l-assessment finali*[12] huwa evidenti li l-Kummissarju jorbot dik l-eccezzjoni ma' interpretazzjoni letterali ta' l-Artikolu 56(3) tal-Kap. 364 tal-Ligijiet ta' Malta u anke ta' l-Artikolu 58(1) ta' l-imsemmi Kapitolu tal-Ligi. Min-naha l-ohra r-Rikorrent jsostni li ghandha tinghata interpretazzjoni iktar prattika ghal dawk il-provvedimenti tal-Ligi b'dana li jekk jirrizulta rifjut da parte tal-Kummissarju tat-Taxxi ta' l-oggezzjoni ghall-likwidazzjoni ghad illi ma jkunx hareg ir-rifjut formali, allura t-*tax payer* jista', entro t-terminu ta' tletin gurnata prefiss fil-Ligi, jintavola appell mill-likwidazzjoni ghal quddiem dan it-Tribunal.

Ghalkemm it-Tribunal iktar jaqbel ma' l-interpretazzjoni prattika ta' l-Artikolu 56(3) u 58(1) tal-Kap. 364 tal-Ligijiet ta' Malta milli ma' l-interpretazzjoni letterali taghhom, u dana anke kif jirrizulta minn zewg decizjonijiet preliminari

[11] Nota Responsiva tar-Rikorrenti, fol. 31 u 32 tal-process. Sottolinear tat-Tribunal.
[12] Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi, fol. 15 tal-process.

moghtija llum stess fl-Appelli fl-ismijiet “Abner Grech v. Kummissarju tat-Taxxi” Rikors Nru. 1/11 u “George Camilleri et v. Kummissarju tat-Taxxi” Rikors Nru. 125/11, fil-kaz in ezami però ma jaqbilx ma’ l-affermazzjoni tar-Rikorrent li l-ittra tal-21 ta’ Marzu 2011 *tinkwadra fil-parametri ta’ l-Artikolu 56(3) tal-Kap.364 u t-taxxa addizzjonali originarjament imposta giet ikkonfermata fl-intier taghha*.

Mill-gdid jigi osservat li bl-ittra tal-21 ta’ Marzu 2011 il-Kummissarju tat-Taxxi semplicement gharraf lir-Rikorrent li *b’referenza ghall-oggezzjoni tieghek fuq l-imsemmi kont, ninfurmak li l-file rega’ intbaghat ghand il-perit u rega’ ikkonferma l-ewwel valur li tana.* Ghalkemm ir-Rikorrent gie dirett biex jaghraf jimxi, imkien f’dik l-ittra ma jinghad jew jinghata x’jifhem li l-Kummissarju tat-Taxxi f’dan l-istadju qed jirrifjuta l-oggezzjoni tieghu. Ma hemmx dubju li l-opinjoni tal-Perit inkarigat mill-Kummissarju tat-Taxxi tista’ teffettwa d-decizjoni finali li l-Kummissarju jista’ jiehu dwar l-oggezzjoni tar-Rikorrent mill-likwidazzjoni mahruga kontra tieghu, izda peress illi tali rifjut jaghti lok ghal drittijiet (senjatament id-dritt ta’ appell ghal quddiem dan it-Tribunal) u obbligazzjonijiet (il-hlas tat-taxxa u taxxa addizzjonali pretizi f’kaz li ma jigix intavolat appell entro t-terminu statutorju prefiss fil-Ligi) konsegwenzjali tar-Rikorrent, ir-rifjut ta’ l-oggezzjoni necessarjament ikollu jirrizulta b’mod kemm xejn iktar car u konkret milli b’ittra bhalma hi dik tal-21 ta’ Marzu 2011.

Fil-fehma tat-Tribunal ghalhekk, l-ittra tal-21 ta’ Marzu 2011 mibughta mill-Kummissarju tat-Taxxi lir-Rikorrent ma tistax titqies jew tigi interpretata bhala rifjut tal-Kummissarju ta’ l-oggezzjoni tar-Rikorrent mill-likwidazzjoni in kontestazzjoni.

Is-sitwazzjoni kienet tkun ferm differenti u b’hekk appell mill-likwidazzjoni in kontestazzjoni kien ikun f’loku, kieku - hekk kif kienet is-sitwazzjoni fiz-zewg kazijiet imsemmija u decizi preliminarjament illum stess “Abner Grech v. Kummissarju tat-Taxxi” u “George Camilleri v. Kummissarju tat-Taxxi” – wara l-ittra tal-21 ta’ Marzu 2011, ir-Rikorrent ircieva komunikazzjoni ohra minghand

il-Kummissarju tat-Taxxi fejn in segwitu ghall-oggezzjoni tieghu mill-gdid intalab ihallas l-ammonti pretizi bl-Avviz ta' Likwidazzjoni mahrug fil-31 ta' Jannar 2011, anke jekk tali komunikazzjoni ma tkunx dak ir-rifjut finali u formali li ghalih jirreferi l-Kummissarju tat-Taxxi fir-Risposta tieghu.

Madanakollu però fil-kaz in ezami ma jirrizultax li wara l-ittra tal-21 ta' Marzu 2011 il-Kummissarju tat-Taxxi hareg komunikazzjoni ulterjuri fil-kofront tar-Rikorrent li tista' tigi interpretata bhala rifjut ta' l-oggezzjoni minnu mressqa mill-likwidazzjoni in kontestazzjoni, u ghaldaqstant jirrizulta li f'dan l-istadju l-Appell intavolat mir-Rikorrent huwa manifestament intempestiv.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jilqa' l-eccezzjoni preliminari tal-Kummissarju tat-Taxxi, jiddikjara l-Appell intavolat mir-Rikorrent fid-19 ta' April 2011 intempestiv u konsegwentement null, u b'hekk jillibera lill-Kummissarju tat-Taxxi mill-osservanza tal-gudizzju.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati mir-Rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------